Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 30/2015AE

**Mary Cachia**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

Il-Gimgha, 8 ta' April 2016.

Ir-rikorrenti (appellanti) appellat minn decizjoni tal-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318) tat-12 ta' Gunju 2015 li biha gie michud appell li pproponiet minn decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali li kellha thallas lura s-somma ta' €36,998.10, pensjoni tal-eta' li rceviet minghand id-Dipartiment fil-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 2007 sat-30 ta' Mejju 2014.

Jirrizulta li l-pensjoni tal-eta' kienet twaqqfet lill-appellata ghaliex minn stharrig li ghamel id-Dipartiment kien irrizulta li wirtet sehem f'diversi proprjetajiet u li qatt ma kien gie rapportat lid-Dipartiment. Mill-atti jirrizulta li l-appellanti kienet mizzewwga lil John Bosco Cachia li miet intestat, u wirtet nofs indiviz tal-gid tieghu. Proprjeta li giet elenkata fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li ghamlet fit-23 ta' Novembru 2007 u pubblikata min-nutar Dr Pierre Cassar. Jirrizulta wkoll li fit-8 ta' Novembru 2007 l-appellata applikat ghall-pensjoni tal-eta' fejn iddikjarat li l-uniku proprjeta li kellha kienet il-fond 16, Casa Cachia, Triq Dolmen, Marsascala.

Fid-decizjoni tal-Arbitru jinghad:-

*"L-appellanta li dehret quddiem l-Arbitru u ma spjegatx x'ghamlet b'din il-proprjeta u lanqas ma taghti spjegazzjoni fl-appell taghha. L-abbli difensur tal-appellanta sostna li dan il-kaz kien jinvolvi zball min-naha tad-Dipartiment ghaliex imissu kien jaf b'din il-proprjeta. L-Arbitru ma jistax jaqbel ma' dan l-argument ghaliex il-ligi timponi l-obbligu fuq l-applikanti li jinforma lid-Dipartiment bi bdil fic-cirkostanzi tieghu ghaliex impossibbli ghal dan id-Dipartiment li joqghod jaghmel ir-ricerki fuq kull beneficjarju li jiehu beneficcji taht il-means test. Pjuttost dan huwa kaz fejn il-beneficjarja kienet qeghda tahbi l-wirt taghha biex ma titlifx il-beneficcju u gialadarba hemm din il-mala fede ma tistax tghaddi l-preskrizzjoni kif allega l-abbli difensur tal-appellanta.*

*L-Arbitru hu tal-fehma li d-Direttur Generali ghas-Sigurta Socjali rnexxielu jipprova li l-appellanta kellha kapital ta' aktar minn €14,000 kif trid il-ligi u ta' lanqas dan mid-*

*data tal-1 ta' Dicembru 2007 li hija data ftit wara d-data tal-causa mortis 'l fuq imsemmija.*

*Ghalhekk ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni tad-Direttur Generali Sigurta Socjali li minnha qed isir dan l-appella qeghda tigi kkonfermata."*

Mary Cachia appellat mid-decizjoni. L-aggravji huma:-

1. L-Arbitru naqas milli jikkunsidra r-ragunijiet imressqa quddiemu ghalfejn id-decizjoni tal-appellat kellha tithassar.
2. L-Arbitru ma setax jasal ghal konkluzjoni li l-appellanti kienet in mala fede billi dak iz-zmien kienet qeghda tbati minn depressjoni akuta.
3. M'ghandha thallas xejn lura lid-Dipartiment ghaliex l-izball kien tad-Dipartiment. L-appellat kellu dikjarazzjoni causa mortis u ghalhekk ma jistax ighid li ma kienx jaf bl-izball.
4. L-appellanti ma kellha l-ebda obbligu mpost mil-ligi li tgharraf lid-Dipartiment bi bdil ta' cirkostanzi. L-obbligu kien tad-Direttur li minn zmien ghal zmien jivverifika l-informazzjoni li kellu u jqies ukoll id-dikjarazzjoni *causa mortis* li l-appellanti ghamlet fit-23 ta' Novembru 2007.
5. Id-decizjoni hi *ultra petita* ghaliex mill-avviz li ta l-appellat, jirrizulta li m'huwiex isostni li hi in mala fede ghaliex kieku kien jordna li r-rifuzjoni ssir b'rata ta' iktar minn 10% kif stipulat f'paragrafu (ii) tal-Artikolu 102 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

L-appellat wiegeb li d-decizjoni tal-Arbitru hi gusta u ghandha tigi kkonfermata.

Il-qorti tosserva:-

i. Fil-kors tal-appell quddiem l-Arbitru, l-appellanti naqset milli tressaq provi. Fir-rikors tal-appell l-appellanti tilmenta li l-Arbitru naqas milli jsemmi u jikkunsidra r-ragunijiet li tat ghalfejn id-decizjoni tal-appellant kellha tithassar. Fl-istess aggravju (ara paragrafu 8) ma semmietx kienu r-ragunijiet li tat waqt quddiem l-Arbitru u li ma gewx kunsidrati minnu. Dan apparti li ma kien hemm xejn x'izomm lid-difensur tal-appellanti li waqt is-smigh tal-appell jitlob lill-Arbitru biex jipprezenta nota fejn jaghti r-ragunijiet li fuqhom l-appellanti kienet qeghda tibbaza l-appell taghha.

ii. Sabiex persuna tikkwalifika ghall-Pensjoni tal-Eta', il-valur tal-proprjeta li jkollha m'ghandux jaqbez is-somma ta' €14,000 fil-kaz ta' persuna wahedha (Ara paragrafu 1 ta' Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318).

iii. Il-provi li l-Arbitru kellu quddiemu kienu li l-appellanti kellha proprjeta b'valur li jeccedi l-massimu kontemplat mil-ligi. Valur li ddikjarat l-

appellanti stess fil-*causa mortis* li ghamlet granet wara li applikat ghall-pensjoni tal-eta'.

iv. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti argumentat li ma kellha l-ebda obbligu li tgharraf lid-Dipartiment bi bdil ta' cirkostanzi. L-applikazzjoni ghall-pensjoni saret fit-8 ta' Novembru 2007 filwaqt li d-dikjarazzjoni *causa mortis* saret fit-23 ta' Novembru 2007. Mill-istess applikazzjoni jirrizulta wkoll li zewgha miet fit-28 ta' Jannar 2006. Hu evidenti li akkwistat il-proprjeta qabel ipprezentat l-applikazzjoni ghall-pensjoni tal-eta'. Mitluba biex tiddikjara l-proprjeta (bini u raba') li kellha, naqset. Il-qorti tikkonkludi li dan ghamlitu xjentement mehud in konsiderazzjoni l-kwantita' ta' proprjeta li kellha u li ma ddikjaratx. L-iskiet tal-appellanti meta giet biex tiddikjara l-proprjeta' ma jirrifletti xejn tajjeb fuqha. Dan iktar u iktar meta l-appellanti ma ressqitx provi biex turi li dak li gara kien per ezempju frott ta' zball genwin. L-appellanti nghatat il-pensjoni a bazi ta' dikjarazzjoni falza dwar il-konsistenza tal-patrimonju taghha.

Il-qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti li bil-fatt li l-Arbitru qal li kienet in *mala fede*, u dan fil-kuntest tat-tezi tal-preskrizzjoni, allura ddecieda *ultra petita*. L-Arbitru kkonkluda, kif kellu kull dritt li jaghmel, li mill-atti kien jidher li l-appellanti hbiet il-wirt ta' zewgha biex tibbenefika mill-pensjoni tal-eta' u ghalhekk il-preskrizzjoni ma tapplikax. Il-fatt li ghal finijiet ta' rifuzjoni d-Direttur applika paragrafu (i) u mhux paragrafu (ii) tal-Artikolu 102(1) tal-Kap. 318, ma teskludix il-*mala fede*. Ir-rata ta' 10% tar-rata tal-pensjoni biex thallas lura l-pensjoni li rceviet indebitament, ghandha tigi mposta *"... meta dak il-hlas zejjed isehh b'rizultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' prezentazzjoni hazina ta' fatti materjali"*. Dan il-kaz hu proprju kaz li ghaliha japplika dan il-provvediment. Madankollu l-ghazla li ghamel id-Direttur li ghall-kaz tal-appellanti japplika rata ta' 5% skond paragrafu (ii) tal-Artikolu 102(1) m'hijiex il-meritu tal-appell. F'dan il-kuntest ukoll l-appellanti argumentat li d-dikjarazzjoni tal-Arbitru li kienet in *mala fede*, kienet gratutwita ghaliex meta applikat kellha 60 sena u tbati b'kundizzjoni ta' depressjoni akuta. Allegazzjoni li qatt ma saret prova dwarha u bhala tali m'ghandha l-ebda valur probatorju.

v. Kuntrarjment ghal dak li ssosnti l-appellanti, f'dan il-kaz l-appellat ma kellu l-ebda obbligu li jaghmel ricerki. L-obbligu kien tal-appellata li fl-applikazzjoni tiddikjara s-sewwa. Fl-applikazzjoni l-appellanti ffirmat dikjarazzjoni li taqra:-

*"Niddikjara li sa fejn naf jien, it-taghrif li tajt hu kollu minnu, komplet u korrett. Naf li jekk naghti informazzjoni falza nista' nehel il-pieni li tipprovdi l-ligi u nista' nitlef id-dritt ghall-beneficcju taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318)"*.

vi. Sahansitra, fl-istess applikazzjoni l-appellanti ddikjarat:-

*"Naf li jekk ghal xi raguni jew ohra, 'il quddiem jinstab li jien ma jkollix dritt ghall-Pensjoni, ikolli nirrifondi lid-Direttorat Generali tas-Sigurta Socjali, il-beneficcju kollu li nkun ircevejt minn dik id-data li fiha jkun spicca dak id-dritt."*

Apparti dak li tghid il-ligi, l-appellanti stess obbligat ruhha li thallas lura dak li tkun irceviet minghajr dritt. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti ma pproponiet l-ebda aggravju fis-sens li irrispettivament mill-gid li kellha, skond il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) xorta kienet intitolata li tircievi l-pensjoni tal-eta. Anzi pjuttost jidher li f'dan il-kaz taf li ma kellhiex jedd ghall-pensjoni tal-eta', pero' argumentat li m'ghandhiex trodd lura l-flus li rceviet ghaliex: *"....kien l-istess dipartiment li kien fiz-zball stante li l-appellanta kienet ghamlet d-dikjarazzjoni causa mortis kif obbligata mill-ligi"*. Id-Dipartiment gie ndott fl-izball b'rizultat tad-dikjarazzjoni li ghamlet l-appellanti fl-applikazzjoni ghall-pensjoni tal-eta, meta ddikjarat li bhala bini ghandha biss il-fond 16, Casa Cachia, Triq il-Dolmen Marsaskala[1] u li fil-fatt mill-*causa mortis* jidher li kien blokk ta' appartamenti.

vii. L-appellant ssostni wkoll li ma kellha l-ebda obbligu li tgharraf lid-Dipartiment bi bdil ta' cirkostanzi. Dan mhux minnu. Fl-ewwel lok fl-applikazzjoni li ffirmat u li a bazi taghha nghatat il-pensjoni tal-eta' jinghad:

*"Nobbliga ruhi li ninforma minnufih lid-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali* ***b'kull tibdil fic-cirkostanzi li jidhru hawn fuq****."*[2]

Din kienet wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-appellanti meta nghatat il-pensjoni tal-eta'. Mela l-appellanti obbligat ruhha li jekk ikun hemm tibdil ta' cirkostanzi, inkluz fil-konsistenza tal-patrimonju taghha, tgharraf lid-Dipartiment. L-appellat kellu dritt jimponi tali kundizzjoni, meqjus dak li jipprovdi l-Artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318:

*"Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance, ghotja ghal korriment jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li ....... (b)*

[1] Ara dik il-parti tal-applikazzjoni fejn l-applikant ghandu jiddikjara: *"Propjeta' ta' Bini u Raba' (Aghti l-indirizz, il-kera jew stima tal-kera, il-kwalita' tar-raba', il-kejl u c-cnus li jithallsu"*.
[2] Enfazi tal-qorti.

*tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini li jigi stabbilit il-jedd taghha ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li d-Direttur jista, minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabilixxi".*

Haga li ma jirrizultax li ghamlet. F'kull kaz dak li rrizulta mid-dikjarazzjoni *causa mortis* jidher li kien diga' jezisti fil-gurnata li l-appellanti applikat ghall-pensjoni tal-eta'. Ghalhekk ma jidhirx li dan kien kaz ta' bdil ta' cirkostanzi, imma pjuttost kaz fejn l-appellanti ma ddikjaratx il-proprjeta kollha li kellha meta applikat ghall-pensjoni.

viii. L-appellanti qalet ukoll li l-appellat kellu juri li ma kienx jaf bil-bidla ta' cirkostanzi, ghaliex jekk issir il-prova li min jiehu l-izball kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom ma kienx tenut ihallas, allura m'ghandux dritt jitlob ir-rifuzjoni. F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghal sentenza pubblikata fil-Volum XLI.i.76. Dan ir-ragunament m'huwiex korrett. Fil-kaz ta' hlas ta' beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna ohra li tithallas taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali, fl-Artikolu 102 jinghad li l-persuna **<u>ghandha</u>** thallas lura lid-Direttur kull hlas li tkun irceviet li ma kellhiex dritt ghalih (Artikolu 102). M'hemm l-ebda eccezzjoni. F'kull kaz lanqas m'hemm prova li d-Direttur kien sar jaf li sehh bdil ta' cirkostanzi li kien ifisser li l-appellanti ma kinitx iktar intitolata ghall-hlas tal-pensjoni, u xorta baqa' jhallasha.

ix. L-appellanti argumentat ukoll li semmai l-appellat kellu dritt biss jiehu r-rifuzjoni ghall-perjodu ta' sentejn. Jidher li dan hu argument differenti minn dak li sar quddiem l-Arbitru fejn issemma perjodu ta' hames snin. Skond l-Artikolu 102(1) kull persuna li tircievi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna taht dan l-Att li ma kellhiex dritt ghaliha skond id-disposizzjonijiet tal-Att, *"... ghandha thallas lura lid-Direttur s-somma li tkun hekk irceviet, u d-Direttur ghandu, minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor li taghtih il-ligi, jigbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, allwance jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan......".* Fl-avviz tat-3 ta' Gunju 2014 jinghad li l-hlas zejjed ser jitnaqqas bir-rata ta' 5% mill-pensjoni tal-eta', jew xi beneficcji ohra li inti tista' tircievi mid-Dipartiment. Mill-atti ma jirrizultax jekk dan it-tnaqqis huwiex isir minn xi beneficcju iehor li tista' qeghda tircievi l-appellanti. Jidher li b'dan l-argument l-appellanti qeghda tinvoka l-perjodu ta' sentejn fir-rigward ta' azzjoni ta' *indebiti solutio* (Artikolu 1027 tal-Kodici Civili) li jipprovdi:

*"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-disposizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta'* ***sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball"***.

F'dan il-kaz m'hemmx prova meta d-Dipartiment kixef l-izball. Kull m'hemm fl-atti hu l-avviz tat-3 ta' Gunju 2014 fejn l-appellat gharraf lill-appellanti li rceviet is-somma zejda ta' €36,998.10 fil-pensjoni tal-eta. Ghalhekk ma saritx il-prova meta beda jiddekorri l-perjodu ta' sentejn. Inoltre, dak it-terminu japplika fir-rigward ta' azzjoni civili li jipproponi l-kreditur biex jitlob lura dak li nghata lill-appellanti minghajr ma kellha dritt ghalih. Il-proceduri tal-lum m'huwiex azzjoni civili sabiex l-appellat jirkupra l-hlas li d-Dipartiment ghamel lill-appellanti u li ma kinitx intitolata ghalih.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.